MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 124/2012

**Anthony AQUILINA [ID. Nru. 520161M] u b'digriet datat 12 ta' Gunju, 2012 zdied l-isem ta' Jeffrey Aquilina fl-okkju tal-kawza**

**Vs**

**Perit Patrick Grixti Soler**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-20 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' erba' mija sebgha u sittin euro u hamsin ċenteżmu ta' euro [€467.50c] u dan wara li ppremetta hekk:

"L-attur jitlob lil dan l-Onorabbli tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' erba' mija u tnejn u erbghin euro u hamsin ċenteżmu (€442.50) rappreżentanti somma dovuta lill-attur mill-konvenuta ghal xogholijiet ta' tqeghid ta' madum u xogholijiet ohra anċillari minnu eżegwiti fuq inkarigu tal-konvenut fl-ufficju tieghu fi

Triq Idmejda, Balzan oltre ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin ewro (€25) rappreżentanti l-ispejjez relattivi ghal ittra interpellatorja datata 25 ta’ Novembru 2011 ghal total ta’ erba’ mija u sebgha u sittin Ewro u hamsin ċenteżmu (€467.50), bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-8 ta’ Gunju, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Illi l-konvenut m’ghandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma’ l-attur u ghaldaqstant ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Illi subordinatament u minghajr preġudizzju ghas-suespost ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sena u l-esponent kellu jinkorri spejjez kawża tan-negligenza u traskuraġni da parti ta’ min ghamel ix-xoghol.

Salv risposta ulterjuri”.

Ra l-verbali datati 29 ta’ Jannar, 2013, 11 ta’ Marzu, 2013 u 6 ta’ Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ta’ xoghol ta’ tqeghid ta’ madum li huwa kien ghamel fuq inkarigu ta’ l-intimat. L-intimat da parti tieghu jghid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u li huwa kellu jinkorri fi spejjez żejda kawża tan-negligenza u traskuraġni da parti tar-rikorrenti. L-ammont reklamat huwa ta’ €467.50c li minnhom kien hemm €25 spejjez ta’ ittra interpellatorja.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012 **xehed ir-rikorrenti Jeffrey Aquilina**, minn jeddu. Beda biex qal li huwa sar jaf lill-Perit intimat meta dan kien qabbdu biex jaghmel biċċa xoghol ta' tqeghid ta' madum ġewwa blokka ta' appartamenti f'tas-Sliema. Wara li kien lesta din il-bicca xoghol, l-intimat baqa jaghtih iktar xoghol ta' dan it-tip u "*bhala hlas u rati tax-xoghol ahna konna ghamilna ftehim u dejjem bqajna ghaddejjin bl-istess rati qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwarhom*" (fol. 12). Dwar il-hlas, ir-rikorrenti qal li "*meta inlesti biċċa xoghol il-Perit kien ihallasni tal-bicca xoghol ta' qabilha*" (fol. 12). Huwa ma kienx isib problema b'dan l-arrangament ġaladarba huwa kien jithallas. Wara li kien lesta din il-blokka ta' appartamenti ġewwa tas-Sliema, l-intimat kien inkarigah biex jaghmel il-madum ta' uffiċju f'Hal-Lija. Dan ix-xoghol tlesta ukoll u xi ftit taz-zmien wara l-intimat kien qallu li kellu kamra fuq il-bejt u li ried jaghmlilha l-madum. Dak iz-zmien li talbu jaghmel hekk il-Perit, ir-rikorrenti ma setax u ghalhekk huwa kien ha lil huh, ir-rikorrenti l-iehor Anthony Aquilina biex jintroducieh mal-intimat. Dan ix-xoghol fuq il-kamra tal-bejt fil-fatt, ikompli jghid dan ix-xhud, tlesta l-intimat informahom li kien hemm faċċata ta' lift li kellha issir bil-madum ġewwa tas-Sliema. Ir-rikorrenti aċċettaw li jaghmlu din il-bicca xoghol u fil-fatt, ir-rikorrenti Anthony Aquilina beda bix-xoghol. Meta spiċċa l-madum, huwa informa lill-Perit li kien spiccalu l-madum u jekk kienx ghad fadallu iktar. L-intimat infurmah li kien ghad fadal. Ir-rikorrenti Anthony Aquilina informah li l-Perit mar jixtri l-madum dak il-hin stess. Xi tlett sieghat wara li r-rikorrenti Anthony Aquilina kien kellmu, reggha cempillu u qallu li huwa ma kienx ser jistenna aktar lill-Perit u li kien ser jitlaq minn fuq il-post. Xi s-siegha ta' wara nofs-in-nhar, il-Perit intimat ċempel lir-rikorrenti Jeffrey Aquilina u qallu li huh ma kienx fuq il-lant tax-xoghol u li kellu xi kaxxi bil-madum fil-karozza u ried lil huh inizzilu dawn il-kaxxi. Ir-rikorrenti informa lil intimat li ma kienx sew li jibghat lil huh biex inizzilu dawn il-kaxxi tal-madum mill-karozza ghax issa kien lehaq telaq. Huwa qal lill-intimat sabiex iniżżel dan il-madum u l-ghada jmur huh u jqieghed l-ahhar ftit madum. Ir-rikorrenti jkompli jghid li "*kif appena ghidtlu hekk il-Perit*

*qalli ghaidlu ma jiġi xejn qatghali t-telephone u minn dakinhar sal-lum qatt ma kellna ebda kuntatt mal-imsemmi Perit*" (fol. 13). Ir-rikorrenti qal li huh kien infurmah li huwa kien ser jippreżenta kont lill-Perit intimat dwar il-kamra li kien ghamel fuq il-bejt u li kien ser juża l-istess rati li kienu ftehmu l-ewwel darba meta kien qieghed il-madum fil-blokka ta' appartamenti ġewwa tas-Sliema. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk huh qattx kien ftiehem rati mal-Perit intimat, ir-rikorrenti wieġeb u qal li huh kien applika r-rati li huwa kien ftiehem mal-Perit.

3. Xehed ukoll **ir-rikorrenti Anthony Aquilina** li qal li huwa kien iltaqa mal-Perit intimat l-ewwel darba meta huwa kien iltaqa mieghu ma huh ir-rikorrenti l-iehor wara li l-Perit intimat ried li jitqieghed il-madum fuq kamra tal-bejt. Din il-kamra tal-bejt kienet qeghda fuq l-istess uffiċju li kien qieghed il-madum tieghu huh ir-rikorrenti l-iehor Jeffrey Aquilina. Jistqarr li huwa u l-intimat qatt ma ftehmu rati ta' tqeghid l-ghaliex "*hadtha for granted illi dak li kien ftiehem hija mieghu kien ghadu jghodd*" (fol. 14). Il-madum, ighid dan ir-rikorrenti, kien ha hsieb li jgibhom l-intimat filwaqt li r-ramel, siment, u *grouting* kien ha hsieb iġibhom huwa. Dan ix-xoghol tlesta u r-rikorrenti qal li "*jiena sal-lum ghadni ma thallast xejn ta' dawn minghand il-Perit*" (fol. 14). Wara li tlesta dan ix-xoghol, kienet marret persuna biex tara dan ix-xoghol u ma kienx hemm ilmenti. Huwa ghadda dan il-kont lill-Perit intimat u wara li ghadda xi ftit taz-zmien u l-pagament kien ghadu ma sarx, huwa beda jcempillu. Skond ir-rikorrenti, l-intimat kien ighidlu biex icempillu x-xahar ta' wara. Meta jghaddi dan iz-zmien u jerga jcempilli kien jerga jghidlu jcempillu x-xahar ta' wara. Ir-rikorrenti qal ukoll li kull meta huwa kien icempillu fuq dan il-kont, il-Perit intimat qatt ma kien jilmenta mieghu fuq ix-xoghol li kien sar fil-kamra tal-bejt. Ir-rikorrenti qal li kienet anke iċċempel lill-intimat, martu iżda kien kollu ghal xejn. Wara hafna dewmien, il-partijiet kienu ftehmu sabiex jiltaqaw l-ufficju tal-Perit u fil-fatt hu u martu kienu marru hemm. Meta waslu, s-segretarja tal-Perit irriferithom ghal iben il-Perit intimat.

Ir-rikorrenti qal li l-ammont dovut lilu mill-Perit intimat kien ta' €467.50c, iżda meta hu u martu kienu ltaqaw ma iben

il-Perit, huma gew rinfaccjati b'riduzzjoni f'dan il-kont. Ir-rikorrenti qal li jekk jiftakar sew, il-kont gie ridott ghal xi haġa fuq il-mitejn euro (€200). Dak il-hin stess, huwa ċempel lil huh li kellem lill-iben il-Perit intimat, u dan qallu li r-rati li kienu intużaw minn huh kienu l-istess rati kien żamm huwa lill-Perit fix-xoghol l-iehor li kien ghamel. X'hin lestew, hu u martu marru fejn il-Perit fl-ufficju tieghu u dan ta' l-ahhar informahom li kien hemm xi ramel żejjed fuq il-bejt, liema ramel intuża biex jitqieghed il-madum fuq il-bejt. Ir-rikorrenti qal ukoll li ta dan ir-ramel żejjed huwa ma talabx il-hlas minghand il-Perit intimat. Meta huwa informa lill-Perit li kien lest li jnehhi dan ir-ramel żejjed, ir-rikorrenti qal li l-Perit infurmah li kien ser inehhih huwa stess a spejjez tar-rikorrenti. Meta qallu hekk, ir-rikorrenti mar ghand l-avukat u kiteb ittra lill-Perit. Wara li dan baqa ma rrispondiehx, huwa kellhu jiftah din il-kawza.

In kontro-ezami, huwa qal li x-xoghol sar f'Marzu, 2011 u l-offerta biex jittiehed ir-ramel kienet saret xi ftit qabel ma nftehet il-kawza odjerna fi Frar, 2012. Mistoqsi in ri-ezami jekk il-Perit intimat kienx qallu sabiex inehhi dan ir-ramel, ir-rikorrenti wieġeb fin-negattiv.

4. Xehdet ukoll **Emma Aquilina**, mart ir-rikorrenti Anthony Aquilina. Hi stqarret li l-involviment taghha f'din il-kwistjoni kien wara li żewġha kien lesta x-xoghol ghand il-Perit Grixti Soler u kien baghtlu l-kont ghal dan ix-xoghol. Qalet ukoll li darba fost l-ohrajn hija kienet ċemplitlu u inzerta li l-Perit kien irrisponda t-telefon. Huwa infurmaha li kien ser jibghat ic-cekk fl-ahhar ta' dak ix-xahar. Wara li kien ghadda dan iz-zmien, u baqghet ma rċeviet xejn, hija regghet ċemplet lil Perit u infurmatu li ma kienet irċeviet xejn. Ir-risposta tal-Perit, skond din ix-xhud kienet li hu ma kienx baghat dan ic-cekk u ghalhekk ma kienitx ircevietu. F'din l-okkazzjoni, huwa reggha qalilha li kien ser jibghatilha dan ic-cekk bil-hlas. Qabel ma qatet, hija staqsietu jekk kellhux l-indirizz taghhom biex jibghat dan ic-cekk f'dak l-indirizz. L-intimat infurmaha li huwa kellhu l-indirizz u ghalhekk ma kellhux ghalfejn jerga jiktbu. Wara li reggha ghada z-zmien u baqghu ma rċevew xejn, hija kkomunikat ma iben l-intimat u dan qalilhom biex imorru l-ufficju. Hekk fil-fatt ghamlu u meta hi u r-rikorrenti dahlu fl-

ufficju tieghu, huma informahom li missieru kien lest li jhallas is-somma ta’ €175 u xejn aktar. Meta ma ntlahaqx qbil, hi u żewġha hargu mill-ufficju ta’ Alan, iben il-Perit intimat u marru fl-ufficju tal-Perit. Ix-xhud tghid li “*il-Perit imbaghad hareg irrabjat ghalina qabadni minn idejja u qalli biex nohrog il-barra*” (fol. 16). Tkompli tghid li “*jiena tant kont imreghda illi mort naghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija*” (fol. 16). Hi stqarret li kull dabra li ċemplet lill-Perit, huwa qatt ma kien semmielha li x-xoghol ta’ tqeghid tal-madum kien hazin. Ghalqet billi qalet li meta huma kienu fl-ufficju ta’ iben il-Perit intimat żewġha kien ċempel lill-huh u li imbaghad huwa kien ghada t-telefon lil imsemmi Alan.

5. **L-intimat** xehed in subizzjoni. Qal li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn huwa informa lir-rikorrenti u lil mart Anthony Aquilina li x-xoghol ma kienx sar skont is-sengha u l-arti. Stqarr li lir-rikorrenti Anthony Aquilina huwa qatt ma kien rah qabel dak-in-nhar li kienu marru ghandu l-ufficju. Dak in-nhar stess, huwa kien qal lir-rikorrenti Anthony Aquilina biex inehhi dak ir-ramel żejjed li kien halla ghax kienet qeghda issir il-hsara. Huwa qal li minkejja li x-xoghol kien sar hazin, huwa kien lest li jaċċettah, però ried jnaqqas il-kont minn €470 ghal €170. L-intimat żied ighid li “*fix-xoghol taghna meta x-xoghol ma jkunx miftiehem naqbdu u nbidlu r-rati, kien ghalhekk illi jiena rriducejt l-ammonti dovuti lill-attur*” (fol. 17).

L-intimat żied ighid li huwa jaqbel “*... li xoghol sar u naqbel illi kellu jsir xi hlas però mhux dak li kien qieghed jitlob ghax kien hemm il-hsara*” (fol. 17).

6. Fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru, 2012 xehed **Anthony Sacco** li gie prodott mill-intimat. Huwa qal li xogholu kien fil-kostruzzjoni u ghal habta ta’ Gunju, 2012 huwa kien mar l-ufficju ta’ l-intimat sabiex inizzel xi affarijiet li kien hemm fuq il-bejt ta’ dan l-ufficju. Izid ighid li huwa nizzel madwar tlett yardi u nofs ramel u xi bicciet tal-madum fi xkejjer, liema xkejjer kienu maqsumin. Qal ukoll li kien ha mieghu l-invell tal-metru u nofs u fuq dan it-tul sab li kien hemm qlieb ta’ nofs pulzier meta suppost l-art kellha tkun dritta. Stqarr li taht il-kamra tal-bejt kien hemm xi travi u

minhabba l-ingress ta' l-ilma, l-ghaliex il-*grouting* ma kienx sar sewwa, dawn ixxarbu u kien beda jidher is-sadid. Minhabba l-materjal li kien hemm fuq il-bejt, il-katusi bdew jitghattew u allura beda jzomm l-ilma. Dan kollu wasal biex beda jidhol l-ilma fis-saqaf ta' taht din il-kamra li kien ghamel ir-rikorrenti bil-madum. Meta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk kienx jaf kemm kien ilu dan il-materjal fuq il-bejt, ix-xhud qal li dan ma setax jghidu u li l-intimat ma kienx qallu kif kien spicca dan il-materjal hemmhekk.

7. Fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2013 **xehed il-Perit Mariello Spiteri**, prodott mill-intimat. Beda biex ighid li huwa kien gie nkarigat mill-intimat sabiex jaghmel spezzjoni fl-ufficju tieghu bl-indirizz 47, Triq Idmejda, Hal-Balzan. Qal li mill-access li huwa ghamel seta jikkonstata s-segwenti:

i) il-madum li kien hemm fuq il-bejt kien inklinat u ma kienx invellat;

ii) Kien hemm ukoll diversi hniek li ma kienux impoggijin wahda mal-ohra u allura meta wiehed jimxi jhosshom;

iii) il-grouting ma kienx qieghed uniformi. Kien hemm postijiet fejn il-grouting kien ehxen u kien hemm postijiet ohra fejn il-grouting kien idjaq;

Ix-xhud jikkonkludi li ghalhekk ix-xogholijiet fil-fehma tieghu ma kinux saru skont is-sengha u l-arti. Huwa ghada biex esebixxa certifikat rilaxxat minnu (dok. MS 1 a fol. 31) fejn hemm indikat dak li kien ghadu kif xehed dwaru. Ghalaq billi qal li biex ix-xogholijiet jergghu jigu rrangati kif suppost u skont is-sengha u l-arti kellhom jintefqu bejn sitt mija (€600) u sebgha mitt ewro (€700).

In kontro-ezami, huwa qal li meta sar il-ftehim bejn l-intimat u r-rikorrenti huwa ma kienx prezenti u lanqas ma kien ra l-fond qabel. Meta gie suggerit lilu li l-qlib ta' l-ilma kien sejjer lejn il-gulley, ix-xhud qal li parti mill-qlib kien imur lejn it-tarag u li kien hemm anke ridge jaqleb ghal fuq il-bieb ta' barra tal-bejt.

Meta gie mistoqsi jekk il-madum li kien hemm imqieghed fuq il-bejt kienx tal-prima kwalita' jew sekonda kwalita', x-xhud qal li ma kienx jaf u li l-intimat ma kienx tah maduma biex ikun jista jaghmel ezami vizwali tat-tip tal-maduma li ntuzat. Huwa qal li kieku kellhu zewg madumiet kien jaghmel maduma ma maduma, wicc ma' wick, biex jara li ma jkunx hemm *curvature*, kif ukoll kien jara l-hxuna tal-maduma.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Fl-ewwel eċċezzjoni tieghu, l-intimat ighid li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. Din l-eccezzjoni ġiet sorvolata meta ddahhal hu r-rikorrenti bhala parti mill-kawza odjerna. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

9. It-tieni eċċezzjoni tal-intimat hija fis-sens li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u li huwa kellu jinkorri fi spejjez żejda kawża tan-negligenza u traskuraġni da parti ta' min ghamel ix-xoghol. Illi ma hemmx dubju li din l-eccezzjoni taqa barra mill-parametri tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, liema ġurisdizzjoni hija ben definita bhala talba ghal flus (Ara Artikolu 3(2) tal-Kap. 380). Illi ghalhekk, f'dan il-kaz, it-Tribunal sejjer jimxi ma dak dispost fl-artikolu 7(2) tal-Kap. 380 li jghid hekk:

"(2) It-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk –

(a) Il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eċċezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

10. It-Tribunal ma jistax joqghod jidhol u jara jekk ix-xoghol li sar sarx skond is-sengha u l-arti l-ghaliex inkellha jkun qieghed jmur lil hinn mill-parametri tal-ligi li stabbilitu.

11. Ghaldaqstant, it-Tribunal sejjer jaghti l-provvediment li gej wara li ġiet sorvolata l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat.

12. Ghalhekk, it-Tribunal f'dan l-istadju, filwaqt li qieghed jordna li dawn il-proceduri odjerni jieqfu, qieghed jordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' hamsin (50) gurnata mill-lum, jipprezenta proceduri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex il-kwistjoni imqanqla minnu fit-tieni eċċezzjoni u cioe "Illi subordinatament u minghajr preġudizzju ghas-suespost ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha u l-esponent kellu jinkorri spejjez kawża tan-negligenza u traskuraġni da parti ta' min ghamel ix-xoghol" tigi deciza mill-Qorti kompetenti. L-intimat ghandu fl-istess terminu jipprezenta kopja ta' tali proceduri fl-atti ta' din it-talba.

Fin-nuqqas, ghandu jigi pprezentat rikors mir-rikorrenti li bih jinformaw lit-Tribunal li dak hawn fuq ordnat ma sarx.

It-Tribunal qieghed minn issa stess jirriserva d-dritt tieghu li jerggha jappunta l-kawza fuq il-lista tieghu jekk jghaddi inutilment it-terminu koncess jew, skond il-kaz, wara li l-kwistjoni tigi deciza definittivament mill-Qorti kompetenti.

F'kaz li ma tiġi ntavolata ebda kawża kif hawn fuq ordnat, it-Tribunal jehodha bhala li l-intimat qieghed jirrinunzja ghall-effetti tat-tieni eċċezzjoni tieghu hawn fuq indikata.

Spejjez riservati ghal ġudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------